**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' April, 2022**

**Talba Nru: 258/2020MD**

**Brian Schembri ID 95580M ezercenti l-kummerc taht l-isem "ProGypsum Works"**

**Vs**

**Brandon Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2020[1] permezz ta' liema l-attur talab lil konvenut is-somma ta' elfejn, mitejn, sitta u sebghin Ewro u sebgha u sittin centezimu (€2,276.67) rapprezentanti l-valur tax-xoghlijiet li gew ezegwiti mill-attur fuq inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut gewwa l-fond fi Triq il-Qadima, Siggiewi.

Ra r-risposta tal-konvenut Dr. Brandon Muscat datata 22 ta' Dicembru 2020[2] fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, l-intimat ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi, preliminarjament, l-intimat m''ghandu l-ebda proprjeta' hekk kif indikat mir-rikorrent u lanqas ma inkariga lir-rikorrent sabiex iwettaq xi xoghlijiet fil-proprjeta' minnu imsemmija.

---

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 6 *et seq* tal-process.

3. Illi, preliminarjament din l-azzjoni hija kolpita b'difett serjissimu stante illi giet istitwita minghajr referenza ghall-karti tal-identita' kemm tar-rikorrent, kif ukoll tal-intimat u ghalhekk mhux skont kif rikjest mil-Ligi. Di piu, jigi rilevat ukoll li l-karta tal-identita' tar-rikorrent hekk kif mizjud wara l-prezentata tal-avviz tinfluixxi *a planta pedis* fuq l-Artikolu 175 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hu stipulat li korrezzjoni ta' dik ix-xorti ghandha tigi awtorizzata biss minn dan l-Onorabbli Tribunal wara li jkun gie nnotifikat l-intimat bit-talba tar-rikorrenti u wara li jinstemghu il-partijiet. Dan minghajr pregudizzju ghall-istess Kap 12 li jipprojbixxi intavolar ta' avviz minghajr karta tal-identita'.

Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost;

4. Illi l-intimat qatt ma gie interpellat sabiex ihallas is-somma ta' €2,276.67 qabel ma gie intavolat l-avviz odjern.
5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghlijiet ta' *gypsum* li gew ezegwiti fil-proprjeta' attwali tal-intimat (u cioe' fi proprjeta' differenti u distinta minn dik li l-att promotur jibbaza fuqha) huma afflitti minn xoghol hazin, u mhux skond is-sengha u l-arti, u mhux kif miftiehem, kif ser jirrizulta ukoll mit-trattazzjoni ta' din il-kawza.
6. Illi, l-intimat kellu jinkorri spejjez addizjonali sabiex jirrimedja ix-xoghol dizastruz li twettaq.
7. Illi huwa inveritier li xoghlijiet zdiedu. Jigi eccepit, anzi, li xogholijiet tnaqqsu minn dak li originarjament miftiehem. Dan it-tnaqqis izda, ma giex rifless fis-somma li ntalbet mir-rikorrent.
8. Illi r-rikorrent espona ruhu ukoll ghal azzjoni kriminali permezz ta' ghemilu izda l-intimat naqas milli jipprocedi ulterjorment. Nonostante dan kollu, l-intimat offra li jhallas somma sostanzjali sabiex il-materja tigi sorvolata amikevolment izda r-rikorrenti baqa' jirsisti fuq somma vvintata minnu minghajr ebda raguni valida fil-ligi.
9. Illi din l-azzjoni giet istitwita frivolament stante illi qatt ma kien hemm xi forma ta' dikjarazzjoni da parte tal-intimat li qed jirrifjuta li jghaddi xi pagament.
10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu talvolta jissusistu.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjonant pprezentata mar-risposta,[3] li tghid li gej:

1. Illi x-xogholijiet ta' *gypsum* li gew ezegwiti fil-proprjeta' attwali tal-intimat huma afflitti minn xoghol hazin, u mhux skond is-sengha u l-arti, u mhux skont kif miftiehem.
2. Illi, l-intimat rikonvenzjonant kellu jinkorri spejjez addizjonali sabiex jirrimedja ix-xoghol dizastruz li twettaq.
3. Ghaldaqstant, filwaqt li jgib is-suespost a formali konjizzjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jogghbu:
   a. Jiddikjara illi x-xoghlijiet li saru mir-rikorrent rikonvenzjonat ma sarux skod is-sengha u l-arti u/jew ma sarux skont kif miftiehem u/jew huma afflitti minn xoghol hazin.
   b. Jillikwida l-ispejjez li l-intimat rikonvenzjonant sofra sabiex jirirmedja dawn in-nuqqasijiet, u

[3] *Ibid.*

c. Jikkundanna lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex ihallas dik is-somma hekk likwidata.
4. Bl-ispejjez kollha kontra ir-rikorrent li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.
5. Salv kull provvediment iehor li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlhu xieraq u opportun.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat, ghal-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant pprezentata fil-11 ta' Jannar, 2021 li eccepixxa s-segwenti[4]:

1. Illi, in linea preliminari, l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija irita u nulla ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, billi l-istess konvenut rikonvenzjonant ma jistax jeccepixxa li ma huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti, u, fl-istess waqt, iressaq kontro-talba, billi fost ohrajn: *"Il-konvenut ma jistax jipproponi kontro-talba fi kwalita' ohra minn dik li fiha jkun imharrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-atturfi kwalita' ohra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tieghu",* u dan skont l-Artikolu 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti *ratione materiae*, ossija m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjonant, billi dan l-istess Tribunal ma huwiex kompetenti, ossija m'ghandux gurisdizzjoni, sabiex (i) jiddeciedi talba dikjaratorja; (ii) jillikwida u konsegwentement jikkundanna lill-attur ihallas ammont incert jew indeterminat, ossija ammont li ma giex indikat fil-konto-talba; u (iii) addirittura, jaghti "*kull provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun*", kif mitlub mill-konvenut rikonvenzjonant fil-kontro-talba tieghu;
3. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti *rationae valoris,* ossija m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant dwar ammont incert jew indeterminat, billi, filwaqt illi skont Artikolu 3 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta: *"It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn hamest'elef euro (€5,000)"*, skond l-Artikolu 747 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta: *"l-valur incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata",*;
4. Illi, fil-meritu, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu li x-xoghlijiet li ezegwixxa l-attur, fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut rikonvenzjonant: *"huma afflitti minn xoghol hazin, u mhux skond is-sengha u l-art, u mhux skond kif miftiehem",* kif allegat mill-konvenut rikonvenzjonant fil-kontro-talba tieghu;
5. Illi, fil-meritu wkoll, izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, m'huwiex minnu illi l-attur ikkaguna xi danni lill-konvenut rikonvenzjonant kif allegat mill-istess konvenut rikonvenzjonant fil-kontro-talba tieghu;
6. Illi, fil-meritu wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi danni li qed jirreklama l-konvenut rikonvenzjonant ghandhom jigu debitament ippruvati skond il-ligi, skond, fost ohrajn, l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Illi, fil-meritu wkoll izda minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kontro-talba tal-istess konvenut rikonvenzjonant;

[4] *A fol* 11 *et seq* tal-process.

Salv risposti ulterjuri permessi mil-ligi.

Ra d-digriet datat 30 ta' April 2021.[5]

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra d-dokumenti li gew esebieti in atti.

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet pprezentanti mid-difensuri tal-partijiet u s-sottomissjonijiet orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Illi l-partijiet ftehmu li l-attur iwettaq xoghol ta' *gypsum* fi proprjeta' appartenenti l-konvenut u l-mara tieghu Kelsey Muscat. Ghal dan ix-xoghol l-attur hareg stima lil-konvenut Brandon Muscat fl-ammont ta' €1,123.06[6]. Waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet inbidlu ftit il-modalita' in kwantu tax-xoghol li kellu jew li ma kellux jitwettaq tant li dan sussegwentement wassal ghal litigju bejn il-partijiet in kwantu x-xoghol li kellu jitwettaq u dak li kellu jithallas l-attur mill-konvenut. Huwa appuntu meta l-attur hareg il-kont finali li beda l-inkwiet bejn il-partijiet in kwantu l-kwantum li kellu jithallas l-attur mill-konvenut. L-attur jinsisti li wettaq hafna aktar xoghol fuq struzzjonijiet tal-konvenut, filwaqt li l-konvenut jinsisti li huwa minnu li saru xi alterazzjonijiet pero' dawn kienu minimi jew adirittura kellhom iwasslu sabiex il-kont finali jonqos u mhux jizdied meta mqabbel mal-istima originali. Jidher illi l-konvenut ressaq proposta dwar ammont li hu kien lest li joffri lill-attur *'a saldu'* liema somma ma gietx accettata mill-attur. B'hekk il-konvenut ma hallas xejn lill-attur. Il-konvenut ressaq difizi li x-xoghol ma twettaqx skont is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi.

**Provi Prodotti**

Illi dan it-Tribunal analizza l-provi mressqa mill-kontentendi fil-kawza odjerna. L-attur Adrian Schembri xehed permezz tal-procedura tal-affidavit[7]. In succinct, huwa qal li huwa hareg stima originali lil-konvenut fl-ammont ta' €1,123.06. L-istess konvenut qabel a bazi tar-rati pattwiti pero' zied xoghol wara li kien hemm qbil dwaru li wassal sabiex il-kont finali jwassal ghal ammont li huwa superjuri ghall-istima kkwotata originarjament. L-istess attur insista, dejjem skont huwa, sabiex issir il-madum qabel ma jitkompla x-xoghol minhabba qisien li kienu importanti. Jidher li l-attur ghal dawn il-qisien halli f'idejn il-konvenut bir-rizultat li dan wassal sabiex il-prodott finali ma kinx a pjaciment tal-konvenut. L-attur baqa' ma thallas xejn minn dak pretiz minnu u ghalih ma kinitx lanqas soddisfacenti l-offerta' mressqa mill-

[5] *A fol* 39 *et seq* tal-process.
[6] *A fol* 2 tal-process.
[7] *A fol* 20 *et seq* tal-process.

konvenut sabiex tigi evitata l-kawza odjerna. L-attur ressaq wkoll dokumenti sabiex isostni il-verzjoni tieghu.

Illi min-naha l-ohra l-posizzjoni tal-provi tal-konvenut hija differenti.[8] Il-konvenut qed isemmi li huwa minnu li wara l-istima originali saru alterazzjonijiet ohra miftehma bejn il-partijiet, pero' dan certament ma kellux iwassal ghal zieda daqstant sostanzjali fil-kont finali prodott mill-attur, anzi jista' jkun li x-xoghol imwettaq mill-attur naqas u mhux zdied. L-attur qatt ma ressaq kont finali qabel ma istitwixxa l-istanza odjerna u lanqas, skont il-konvenut, ma kienx kapaci jispjega x-xoghol zejjed imwettaq minnu sabiex jiggustifika kif il-kont tela' daqshekk skont il-kont finali meta mqabbel mal-istima originali. Il-konvenut ressaq dokumenti u *recordings* sabiex isostni l-verzjoni tieghu.

Dan wkoll gie kkonfermat mill-mara tal-konvenut in-Nutar Dr. Kelsey Muscat[9] u minn missieru li kien qed jiehu hsieb il-lant tax-xoghol Francis Muscat.[10]

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal l-ewwel ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar it-tlett eccezzjonijiet preliminari eccepieti mill-konvenut li huma:

- Il-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

- Il-konvenut m'ghandu l-ebda proprjeta' hekk kif indikat mir-rikorrenti u lanqas ma inkariga lir-rikorrent sabiex iwettaq xi xoghlijiet fil-proprjeta' minnu imsemmija.

- Din l-azzjoni hija kolpita b'difett serjissimu stante illi giet istitwita minghajr referenza ghall-karti tal-identita' kemm tar-rikorrent, kif ukoll tal-intimat u ghalhekk mhux skont kif rikjest mil-Ligi. Di piu, jigi rilevat ukoll li l-karta tal-identita' tar-rikorrenti hekk kif mizjud wara l-prezentata tal-avviz tinfluixxi *a planta pedis* fuq l-Artikolu 175 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hu stipulat li korrezzjoni ta' dik ix-xorti ghandha tigi awtorizzata biss minn dan l-Onorabbli Tribunal wara li jkun gie nnotifikat l-intimat bit-talba tar-rikorrenti u wara li jinstemghu il-partijiet. Dan minghajr pregudizzju ghall-istess Kap 12 li jipprojbixxi intavolar ta' avviz minghajr karta tal-identita'.

Mill-provi mressqa mill-partijiet jirrizulta car illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim ta' appalt, tant li r-relazzjoni hija ammessa mix-xhieda moghtija mill-istess konvenut. In oltre, tant kemm kien hemm ftehim ta' appalt u saru xoghlijiet min-naha tal-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut li l-konvenut ressaq kontro-talba fil-konfront tal-attur li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti jew ma sarx skont il-ftehim. Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-fond li qed jaghmel referenza ghalih l-attur u li saru x-xoghlijiet fih mertu tal-kawza odjerna huwa l-istess wiehed li l-konvenut qed jirreferi ghalih kemm fir-risposta u kemm fil-kontra-talba mressqa minnu u li jappartjeni l-istess konvenut flimkien mal-*partner* tieghu, illum il-mara.

---

[8] Affidavit *a fol* 42 *et seq* tal-process.
[9] Affidavit *a fol* 72 *et seq* tal-process.
[10] Affidavit *a fol* 77 *et seq* tal-process.

Ghalhekk it-Tribunal qed jichad dawn it-tlett eccezzjoni preliminari.

It-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi dwar l-ammont pretiz ta' €2,276.67, rapprezentanti l-valur tax-xoghlijiet li gew ezegwiti mill-attur fuq l-inkarigu u ghal-benficcju tal-konvenut.

L-attur[11] kien intalab sabiex jaghti kwotazzjoni ghal xi xogholijiet ta' *gypsum.* Kien iltaqa' mal-konvenut u l-*partner* tieghu, fejn l-konvenut kien spjega lill-attur x'xoghlijiet xtaq li jsiru. L-attur kien mar fuq il-post u hareg il-kwotazzjoni datata 24 ta' April, 2020,[12] li ma kienetx tinkludi *spotlight cutouts* fil-*bulkheads* ghaliex l-attur kien ghadu ma jafx in-numru u t-tip ta' *spotlights* li kien ser jaghmel. Din il-kwotazzjoni kien baghtha permezz tal-*Whattsapp* fuq in-numru tal-mobile tal-konvenut. Fit-22 ta' Gunju, 2020 ircievha messagg minghand il-konvenut fejn qallu li xtaq jipprocedi bix-xoghlijiet b'xi tibdiliet.[13] Wara dan il-messagg il-partijiet flimkien mal-*partner* tal-konvenut regghu iltaqghu, u l-konvenut kien urieh ritratt biex jurieh xi xtaq bhala tibdiliet fix-xoghlijiet fuq in-naha tas-salott. Ix-xoghol beda miexi, kienu jmorru impjegati tal-attur u hu kien imur jara jekk hux kollox sew. Kemm l-konvenut, il-*partner* tal-konvenut, kif ukoll missier il-konvenut kienu jmorru ta' spiss fuq il-post u qatt ma kien ikun hemm ilmenti. Wara li tlestew ix-xogholijiet l-attur kien prova jikkuntattja lil konvenut sabiex jibghatlu l-kont finali izda ma bediex jirrispondih. Imbaghad kien baghtlu l-kont finali[14] u meta cempillu l-ghada biex jara jekk irceviex il-kont l-attur qallu li kien ha qata' ghax kien rah gholi meta kien imqabbel mal-kwotazzjoni originali. L-attur spjegalu li x-xoghlijiet li saru kienu inbidlu kif xtaq huwa stess u allura kien ovvju li kien ser ikun hemm varjazzjoni fil-prezz. Il-partijiet kienu ltaqghu fuq il-post sabiex jiddiskutu l-kont u l-konvenut kien offra li jhallsu €1,300 u cioe' l-ammont tal-kwotazzjoni originali plus il-VAT.

Illi min-naha l-ohra, il-konvenut spjega[15] li l-attur kien mar fil-proprjeta' sabiex ikejjel u jinforma lilu u lil *partner* tieghu kemm ser tigi l-ispiza sabiex isiru x-xoghlijiet li talbu. Meta l-konvenut kien ircievha il-kwotazzjoni minghand l-attur kien baghtlu messagg sabiex jibda jahdem u li x-xoghlijiet kienu ser isiru kif kienu ftehmu salv ghal alterazzjoni zghira li kellha tkun fil-kamra tas-sodda. Meta l-haddiema tal-attur lestew ix-xoghol, il-konvenut kien baghat lill-attur sabiex jibghatlu l-kont. L-attur ma kienx ghaddielu l-kont izda kien gharrfu bl-ammont li kien qieghed jippretendi bhala hlas ghax-xoghol li sar. Kien ixxukja ruhu ghax sar jaf li s-somma mitluba kienet zdiedet b'iktar minn elf Euro minn dak li kienu qablu fuqu meta l-attur kien kejjel fuq il-post. Meta kien staqsa lill-attur fuq id-diskrepanza, l-attur qatt ma kellu risposta konkreta u beda jlaqlaq. Iltaqa' mal-attur flimkien mal-*partner* tieghu biex jiddiskutu u jsibu soluzzjoni fejn offrew is-somma ta' €1,300 li kienet iktar minn dik kwotata stante li naqqsu x-xoghol u inkludew izzejjed tal-*cut-outs* izda l-attur ma accettax.

Huwa ritenut illi:

---

[11] A fol 21 et seq tal-process.
[12] A fol 2 tal-process.
[13] A fol 30 tal-process.
[14] A fol 3 tal-process.
[15] A fol 42 et seq tal-process.

*In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil- gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l- konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l- fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragonevoli, fil- kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawza civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilità mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilità civili" – (Giordmaina Medici et vs Rizzo – 28.4.2004)*

Issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet *Murphy vs Delia* li tghid is-segwenti:

*"Illi l-Qorti tqis li, izda, bhalma jigri f'kazijiet hafna bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setghu involuti maghhom ikunu ta' bilfors mizghuda b'doza qawwija ta' apprezzament suggettivita' dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha innifisiha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu dawn il-persuni l-ohrajn li jkunu involuti b'xi mod flpl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x'kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet."*[16]

F'dan il-kaz il-gudikant huwa ggwidat mill-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet *Farrugia vs Farrugia* moghtija fil-24 ta' Novembru 1966 fejn kien inghad hekk:[17]

*Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli fill-Qorti f dak l-istat ta' perpelessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddecieci b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo.*

Mill-provi jirrizulta b'mod car illi x-xoghol twettaq mill-attur fuq struzzjonijiet tal-konvenut fil-proprjeta' tal-konvenut flimkien mal-*partner* tieghu. Tant hu hekk talli l-konvenut offra lil attur l-ammont ta' €1,300 tax-xoghol kollu li sar u dan sabiex tinghalaq il-kwistjoni b'mod amikevoli, stante li skont huwa l-alterazzjoni li ntalbet minnu kellha pjuttost tnaqqas l-ammont mill-ewwel fattura ghal kont finali.[18] Li ma hemmx qbil fuqu mill-partijiet huwa kif l-attur wasal ghall-ammont indikat fil-fattura originali ghal dak indikat fit-tieni fattura. L-attur isostni li l-konvenut kien konsapevoli tal-fatt li ser ikun hemm alterazzjonijiet u li dawn kienu

[16] Prim'Awla, Qorti Civili; 11/06/2015; Cit. Nru: 665/2006.
[17] Rik Nru: 101/2010JPG.
[18] *Vide* x-xhieda taz-zewg partijiet.

ser ifissru li l-kont finali ser ikun ferm ghola. Min-naha tieghu l-konvenut qed jghid li l-istima originali kellha pjuttost tonqos stante li skont l-istruzzjonijiet li ta lil-attur huwa, l-ammont finali kellu jonqos u mhux jizdied.

Illi t-Tribunal ma jistax ma jsemmiex li l-konvenut fl-affidavit sostna li l-attur qatt ma baghtlu l-kont finali izda kien mgharraf biss b'kemm hu l-kont finali,[19] u fil-kontro-ezami[20] qal li l-*breakdown* ta' dan il-kont qatt ma rcivieh izda sussegwentent kemm fl-affidavit u kemm fil-kontro-ezami qal li huwa ried li din il-kwistjoni tinghalaq bil-kelma t-tajba u ghalhekk kien offra somma flus lill-attur. It-Tribunal ma jistax jifhem kif min-naha wahda il-konvenut jghid li qatt ma rcievha l-kont imma min-naha l-ohra prova jasal ghal ftehim wara l-kont finali u dan anke mit-telefonata li saret bejn il-partijiet fejn meta l-attur mill-ewwel gibidlu l-attenzjoni sabiex jara l-kejl kien hemm kemm fil-kwotazzjoni u kemm fil-kont finali. In oltre, il-konvenut insista ukoll illi huwa qatt ma gie interpellat sabiex ihallas is-somma pretiza mill-attur meta jirrizulta kemm mix-xhieda tieghu u tal-xhieda prodotti minnu li huwa prova jersaq lejn l-attur sabiex jaghlqu l-kwistjoni amikevolment.

Ikkunsidra li l-attur qal illi ix-xoghlijiet li ried li jsiru meta ltaqghu l-ewwel darba kienu, kif ukoll spjega x'xoghol effettivament sar:

- *Hidden light bulkhead* u *flat ceiling*, bi tlett nahat fuq is-salott. L-attur ipprezenta ritratt tax-xoghlijiet kif saru u spjega l-ewwel darba li ltaqghu l-partijiet l-intendiment tal-konvenut kien li barra x-xoghol hawn fuq mitlub, il-kumplament tas-saqaf kellu jibqa' fuq concrete izda jigi miksi u mizbugh minn terzi. Effettivament imbaghad il-konvenut talbu sabiex jaghmel il-kumplament tas-saqaf bil-gypsum, kif ukoll sabiex il-hidden bulk head u vertical bulkhead issir b'erba nahat u mhux bi tliet nahat.
- *Vertical bulkhead* u *flat ceiling*. L-attur ipprezenta ritratt fejn spjega li anke hawnhekk il-kumplament tas-saqaf kellu jibqa' fuq il-*concrete*, izda kien sar il-*gypsum*.
- *Vertical bulkhead* fil-kamra tas-sodda. L-attur ipprezenta ritratt fejn qal li l-istess xoghol bhal ta' hawn fuq kien intalab, izda kienet izghar li saret fil-kcina.
- *Curtain recess* fis-salott. L-attur ipprezenta ritratt u spjega li din hija sempliciment struttura zghira biex warajha tehel purtiera.

Ikkunsidra li l-konvenut qal li x-xoghlijiet li hu u l-partner tieghu talbu u li fuqhom l-attur hareg il-kwotazzjoni kienet:

Fil-*kitchen*/*Living Dining*

- Saqaf miksi bis-suffett mal-kamra kollha
- *Bulkhead* mad-dawra tal-*cupboard*
- Dawra bid-dawl gos-suffett li kellha tigi fuq is-salott
- *Curtain recess* gos-suffett fuq it-tieqa ta' barra

Fil-kamra tas-sodda

- *Bulkhead* fil-forma ta' L li jibda minn fuq is-sodda u jdur fuq il-gwardarobba.

[19] Paragrafu 23, *a fol* 44 tal-process.
[20] *A fol* 120 tal-process.

Ikkunsidra li l-pjanta pprezentata mill-konvenut[21] li thalliet mill-impjegati tal-attur wara li tlesta x-xoghol finali fl-ebda mument ma giet kontradetta mill-attur u li ghalhekk certament hemm qbil illi x-xoghol kollu indikat fir-ritratti sar. Il-konvenut u x-xhieda imressqa minnu spjegaw li l-konvenut kien ta l-pjanta *to scale* lil attur sabiex jghinu. Mill-pjanta jirrizulta li l-kejl tal-*open plan* kollha hija 39.38 metru kwadru u l-kamra tas-sodda hija 10.69 metru kwadru. Fil-kwotazzjoni ma jirrizultax li l-*flat ceiling* kien ser isir fuq dan il-metragg kollu, izda jirrizulta mill-kont finali.

Ikkunsidra t-telefonata bejn il-partijiet senjatament meta l-attur staqsa ghala ma riedx ihallas il-kont finali l-konvenut kien pront wiegbu ghaliex ma kien hemm tibdil ta' xejn u li hu dispost ihallas skont l-istima u mhux skont il-kont finali. L-attur spjegalu li d-diskrepanza kienet fuq is-salott u fuq il-kcina u fuq l-*spotlight cut-outs*. Fir-rigward tal-kejl l-attur stieden lil-konvenut sabiex imur u jkejlu s-salott u l-*common area* tal-kumplament sabiex jaraw id-differenza u jaraw jekk jaqblux fejn ghal dan il-konvenut wiegeb li l-attur kien kejjel fl-istima u ma kellux ghalfejn ikejjel huwa. Il-konvenut baqa jinsisti li hu propens ihallas l-istima u dan anke jekk wara li gie installat is-suffett kien hemm problemi li kienu gja tkelmu dwarhom.

Ikkunsidra li fil-kontro-ezami l-konvenut qal:[22]

> *L-alteration li tlabtu jien kienet fuq l-L shape tal-bedroom u nichad li kien wrejtu xi ritratti u tlabtu biex din il-bulkhead tinbidel minn U shape ghal kwadra kellha tkun.*

Fir-rigward tal-kejl fil-kontro-ezami l-konvenut qal:[23]

> *Qed jigi suggeriet lili b'referenza ghal dokument 'A' fejn jinghad tlett ceiling quantity 24.62 meters squared din kienet l-area li giet miftiehma u cioe' li fil-fatt ma kellux jintuza l-flat ceiling fir-rigward taz-zona kollha u tal-area kollha li tinsab indikata f'dokument BM3 bhala area 39.38 square meters. Nghid li jiena ma nistax nispjega kif fil-kwantita' fuq dokument 'A' hija indikata inqas minn dak miftiehem. Nikkontendi li l-ftehim bejnietna kien dejjem dak illi l-flat ceiling kellu jkopri l-ispazju kollu u cioe' 39.38 square meters.*

Ghalkemm ma hemmx qbil fir-rigward tal-alterazzjonijiet li ntalbu, anke mill-konvenut stess[24], it-Tribunal huwa moralment konvint li alterazzjonijiet wara l-istima intalbu u li dawn ma kienux jikkonsistu biss f'alterazzjonijiet fil-kamra tas-sodda.[25] Il-konvenut fl-ebda mument ma qal li x-xoghol li spjega l-attur li sar, mhux vera sar. Jirrizulta car ukoll illi l-kejl tal-pjanta *to scale* jirrispekja il-metragg indikat fl-ammont finali.

---

[21] *A fol* 95 tal-process.

[22] *A fol* 119 tal-process.

[23] *Ibid.*

[24] *Vide* affidavit u kontro-ezami fejn il-konvenut jghid li talab alterazzjoni zghira biss fil-kamra tas-sodda, mentri mir-*recording* esebieta minnu jghid lill-attur li hu ma talabx alterazzjonijiet wara l-kwotazzjoni li tinsab *a fol* 2 tal-process.

[25] Li giet riflessa anke fil-kont finali *a fol* 3 tal-process.

Ghalhekk it-Tribunal ser jilqa' it-talba tal-attur fl-intier taghha.

It-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi l-kontro-talba pprezentata mill-konvenut rikonvenzjonant.

Illi l-konvenut rikonvenzjonat ta tlett eccezzjonijiet prelimiari senjatament li:

1. Il-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant hija irita u nulla ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, billi l-istess konvenut rikonvenzjonant ma jistax jeccepixxa li ma huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet attrici kif dedotti, u, fl-istess waqt, iressaq kontro-talba, billi fost ohrajn: *"Il-konvenut ma jistax jipproponi kontro-talba fi kwalita' ohra minn dik li fiha jkun imharrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-atturfi kwalita' ohra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tieghu",* u dan skont l-Artikolu 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti *ratione materiae*, ossija m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenjonant, billi dan l-istess Tribunal ma huwiex kompetenti, ossija m'ghandux gurisdizzjoni, sabiex (i) jiddeciedi talba dikjaratorja; (ii) jillikwida u konsegwentement jikkundanna lill-attur ihallas ammont incert jew indeterminat, ossija ammont li ma giex indikat fil-konto-talba; u (iii) addirittura, jaghti "*kull provvediment iehor li jidhirlu xieraq u opportun*", kif mitlub mill-konvenut rikonvenzjonant fil-kontro-talba tieghu;
3. Dan it-Tribunal m'huwiex kompetenti *rationae valoris,* ossija m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant dwar ammont incert jew indeterminat, billi, filwaqt illi skont Artikolu 3 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta: *"It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn hamest'elef euro (€5,000)"*, skond l-Artikolu 747 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta: *"l-valur incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata",*;

It-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi fuq it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet preliminari.

Ikkunsidra li l-konvenut rikonvenzjonat fit-talba rikonvenzjonata ma semmiex x'danni gew sofferti konsegwenza ta' xoghol pprestat mill-attur rikonvenzjonat ma sarx skont is-sengha u l-arti u/jew ma sarux skont kif miftiehem u/jew huma afflitti minn xoghol hazin, izda talab lit-Tribunal sabiex jillikwida d-danni. Il-konvenut rikonvenzjonat kull ma semma fl-affidavit u matul ix-xhieda tieghu kienet biss li kellu jidhol fi spejjez addizzjonali biex b'xi mod ihalli 265cm gholi u allura kellu jaghmel jaghmel xoghlijiet mal-post kollu li kienu:

- Iqabbad lil tal-madum sabiex inaqqas it-torba;
- Igib skip sabiex jarmi it-torba (l-iskip wahdu gie jiswih €200); u
- Iqabbad lill-electrician sabiex inizzel il-pajpijiet tas-servizzi,

liema xoghlijiet gew jiswewhom €600. Madanakollu ma gie pprezentat l-ebda dokument sabiex jipprova dawn l-ispejjez u lanqas saret talba sabiex jispecifika s-somma li qed jitlob fir-rikonvenzjoni.

L-Artikolu 747 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *"l-valur incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata.*

Il-funzjoni tat-Tribunal odjern huwa stipulat taht Artikolu 3 tal- Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta senjatament:

> *It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn hamest'elef euro (€5,000).*

Jirrizulta li t-talba hija fuq ammont indeterminat u ghalhekk it-Tribunal jilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jiddisponi mil-kawza billi in kwantu ghat-talba promotrici u r-risposta ghaliha, jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, filwaqt li jilqa' it-talba attrici u jordna lil konvenut sabiex ihallas s-somma ta' elfejn, mitejn, sitta u sebghin Euro u sebgha u sittin centezimu (€2,276.67). Kwantu ghal-kontro-talba, it-Tribunal ghar-ragunijiet imsemmija jilqa' it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, u jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet rimanenti u l-kontro-talba.

L-ispejjez u d-drittijiet relattivi ghat-talba u l-kontro-talba jithallsu unikament mill-konvenut rikonvenzjonant.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**